MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 13/2003

**Martin Debrincat**

**vs**

**L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Permezz ta' rikors intavolat fit-13 ta' Awissu 2004, il-Kunsill Lokali tal-Gharb talab li jintervjeni fl-appell intavolat quddiem din il-Qorti minn Martin Debrincat li qed jikkontesta d-decizjoni tal-11 ta' Gunju 2003 moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar. Ir-raguni avvanzata mill-imsemmi Kunsill ghall-intervenjenza tieghu fil-proceduri hi dik li l-bini ta' l-appellanti huwa ta' nkonvenjenza ghar-residenti tal-lokalita`. Dan ghall-motiv li dan il-bini jisporgi fit-triq u din ma tistax tigi asfaltata;

L-appellanti jikkontrasta lill-Kunsill talba bhal din fuq l-assunt illi l-ligi taghti biss dritt ghall-oggezzjoni da parti ta' terzi f' kaz ta' applikazzjoni ghal zvilupp u mhux f' kaz ta' appell minn avviz ta' twettiq. Isostni ghalhekk illi jekk din il-Qorti tilqa' t-talba jinholoq precedent perikoluz fejn terzi jkunu jistghu liberament jistultifikaw proceduri dwar ippjanar fi stadju ta' appell;

M'hemmx dubju illi t-talba tal-Kunsill *de quo* qeghda ssir fil-parametri ta' dak dettat mil-ligi procedurali fl-Artikolu 960 tal-Kapitolu 12. Dan jipprovdi li "kull min juri b' sodisfazzjon tal-qorti li huwa ghandu nteress f' kawza li tkun miexja bejn partijiet ohra, jista' fuq rikors, jigi mdahhal *in statu et terminis* bhala parti fil-kawza, f' kull waqt taghha, sew fil-qorti ta' l-ewwel grad kemm fil-qorti fi grad ta' appell; izda dan l-intervent fil-kawza ma jwaqqafx il-proceduri taghha";

Jinsab dottrinalment spjegat illi l-intervenjenti ma huwiex proprjament parti fil-kawza fis-sinifikat specifiku ta' l-espressjoni parti (**Kollez. Vol. XXV P II p 55; Vol. XLIV P II p 695**). Hu pero` dejjem rikjest ghall-iskop ta' l-intervenjenza illi t-terz jiddemostra li ghandu interess (**Kollez. Vol. XXXII P II p 151**) li primarjament jigu tutelati d-drittijiet tieghu fil-konfront tal-partijiet fil-proceduri. Dan l-istitut iservi wkoll biex tigi evitata l-moltiplikazzjoni tal-kawzi. (Ara "**Joseph Galea -vs- Alfred Cardona**", Appell Kummercjali, 28 ta' Lulju 1987);

F' kaz analogu ghal dak prezenti - "**Gino Trapani Galea *nomine* -vs- L-Awtorita` ta' l-Ippjanar**", 30 ta' Mejju 1997 - il-Qorti ta' l-Appell kienet hemm irriteniet illi "dan l-istitut huwa kompatibbli u jattalja ruhu sewwa mal-kuncett tal-partecipazzjoni tal-pubbliku fil-process ta' l-ippjanar. Dan minhabba li llum is-socjeta` saret ferm aktar konxja mill-fatt li d-decizjonijiet dwar l-ippjanar ta' l-izvilupp ma jirrigwardawx biss lis-sid ta' art li fuqha ntalab l-izvilupp, izda wkoll jaffettwaw b' mod sinjifikattiv lil kull persuna li tghix jew li ghandha proprjeta` f' dawk l-inhawi";

L-istess sentenza ssoktat tamplifika illi b' danakollu "min jittanta jintervjeni jrid juri qabel xejn li ghandu verament interess guridiku reali, attwali u personali x' jipprotegi. Dan ir-rekwizit, certament, iwassal biex jillimita l-access tal-persuni li jistghu jintervjenu ghal dawk il-persuni li verament ikunu sejrin jintlaqtu personalment bl-izvilupp suggerit";

F' dak il-kaz il-Qorti sabet li l-Assocjazzjoni tas-sidien u residenti ta' certi toroq f' tas-Sliema ma kellhiex sufficjentement dak l-interess guridiku tutelabbli li jista' jippermettilha tintervjeni in kwantu din la kienet "residenti" u lanqas sid ta' xi proprjeta` fl-inhawi. Ziedet tghid illi kienu l-persuni fizici li jikkomponu l-assocjazzjoni li kellhom dritt li jintervjenu fil-vesti personali u proprja taghhom;

Issa apparti l-izvilupp legislattiv f' bosta gurisdizzjonijiet fuq it-tematika ta' l-interess guridiku, miz-zmien ta' din is-setenza 'l hawn saru diversi emendi ghall-Att I ta' l-1992; *inter alia*, u b' mod partikolari, riferibilment ghal dak li jikkoncerna l-interessi tal-kunsilli lokali f' materja ta' zvilupp. Ara a propozitu Artikolu 15 (1) (d iii) ta' l-Att li jakkorda lil kunsill lokali d-dirtt ta' appell lil Bord ta' l-Appell kontra decizjoni ta' l-Awtorita` effettwanti zvilupp fil-lokalita` tieghu. Hemm certament raguni logika u sobrija hafna wara dan l-izvilupp legislattiv. Dan johrog b' mod car u evidenti hafna minn ezami tas-sentenza fl-ismijiet "**Kunsill Lokali tax-Xewkija -vs- L-Awtorita` ta' l-Ippjanar *et***", Appell, 6 ta' Otturbu 2000. Fuq l-istregwa tal-funzjonijiet stabbiliti mil-ligi fl-Att Numru XV ta' l-1993 (Artikolu 33 tieghu) dik il-Qorti rravvizat illi "il-Kunsill Lokali mhux xi semplici ghaqda nformali ta' girien izda huwa korp importanti fl-amministrazzjoni tal-pajjiz li ghandu personalita` guridika distinta u separata u li hu mahluq mil-ligi stess biex jaqdi l-imsemmija diversi funzjonijiet stabbiliti fl-istess ligi entro l-limiti tal-lokalita` li taqa' taht il-gurisdizzjoni tieghu". In kwantu tali, il-kunsill lokali "kellu kull dritt ji jsemma lehnu f' materja li kienet se tolqot direttament lir-residenti li l-istess kunsill kien responsabbli ghalihom." Dan igib li "l-kunsill kellu d-debitu nteress

guridiku li trid il-ligi biex jinterponi l-appell” quddiem il-Bord;

Kif manifest, l-appellant jobbjetta li hawn non si tratta ta’ materja ta’ zvilupp mahsub li jsir izda ta’ avviz ta’ twettiq ta’ zvilupp li diga` sar.  Dwar din l-obbjezzjoni ghandu qabel xejn jigi osservat illi fl-istat attwali tal-ligi, senjatament l-Artikolu 52 ta’ l-Att, il-kunsill lokali huwa l-korp ‘*per eccellenza*’ li l-ligi tesigi li ghandu jkun informat dwar il-procedura ta’ twettiq fil-lokalita` tieghu.  Anke kieku pero` dan il-ligi ma hasbetx ghalih, xorta wahda hi l-fehma ta’ din il-Qorti illi kunsill lokali ghandu, in forza tal-legam mal-funzjonijiet guridici tieghu, statutorjament identifikati, l-interess pubbliku-amministrattiv li jittutela lill-kollettivita` fil-lokalita tieghu anke f’ kaz ta’ din ix-xorta.  Dan ir-riljev jemani kemm mill-Att dwar il-Kunsilli Lokali kif ukoll mill-Att dwar l-Ippjanar ta’ Zvilupp u hu intiz biex jassikura li l-kunsill lokali jkollu kontribut ampju u partecipattiv fil-gestjoni ta’ affari lilu istituzzjonalment affidati;

Evidentement, l-interess guridiku, tradizzjonalment trattat ‘*a titolo personale*’, twessa aktar illum biex jabbraccja fih l-interessi kollettivi, kif ukoll dawk l-interessi l-ohra klassifikati bhala interessi diffusi, fejn fihom, ad ezempju, insibu kollokati l-interessi dwar il-harsien ta’ l-ambjent, u dawk tal-konsumaturi.  Anke ghal dawn is-sitwazzjonijiet il-ligijiet moderni ta’ pajjizi ohra qed jikkoncedu spazju ghat-tutela gudizzjali, u forsi wasal iz-zmien anke f’ pajjizna li l-ligijiet u l-gurisprudenza taghna progessivament jaggornaw ruhhom ma’ dawn il-fenomeni socio-guridici godda in materja ta’ l-interess guridiku.

In raguni ghall-konsiderazzjonijiet kollha maghmula din il-Qorti hi tal-hsieb li t-talba tal-Kunsill Lokali Gharb biex dan jintervjeni f’ dan l-istadju ta’ l-appell *de quo* ghandha tigi akkolta.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------